DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2023/389

tal-20 ta' Frar 2023

li tniedi l-missjoni ta' sħubija militari tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUMPM Niger)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 42(4) u l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/2444 tat-12 ta' Diċembru 2022 dwar missjoni ta' sħubija militari tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUMPM Niger) ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-12 ta' Diċembru 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/2444 dwar missjoni ta' sħubija militari tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUMPM Niger).

(2) Fl-14 ta' Frar 2023, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà qabel li l-Pjan tal-Missjoni u r-Regoli tal-Parteċipazzjoni li jikkonċernaw il-EUMPM Niger jenħtieġ li jiġu approvati.

(3) Wara r-rakkomandazzjoni tal-Kmandant tal-Missjoni tal-UE, il-Missjoni jenħtieġ li titnieda fl-20 ta' Frar 2023,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Pjan tal-Missjoni u r-Regoli tal-Parteċipazzjoni li jikkonċernaw il-missjoni ta' sħubija militari tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUMPM Niger) huma b'dan approvati.

Artikolu 2

L-EUMPM Niger għandha titnieda fl-20 ta' Frar 2023.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Frar 2023.

Għall-Kunsill
Il-President
J. BORRELL FONTELLES

([1]) ĠU L 319, 13.12.2022, p. 86.